MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 188/2003/1

**La Piazza Ltd.**

**v.**

**Bank of Valletta plc.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
“Premess illi rapprezentanti tas-socjeta` attrici precizament Jesmond Mangion u Carmel Cassar kienu

marru l-Bank of Valletta p.l.c, fergha ta’ Hal-Qormi, fix-xahar ta’ Ottubru, 1997 halli jaccertaw ruhom mill-awtenticita` u sussegwentement isarrfu s-somma ta’ erbghin elf u mitejn Dollaru Amerikan ($40,200) u cioe` erba’ mija u tnejn (402) biljett tal-mitt Dollaru Amerikan ($100).

“U premess illi l-Bank konvenut wara li accerta ruhu mill-awtenticita` tal-biljetti hawn fuq indikati bil-mezzi illi huwa ghandu a dispozizzjoni tieghu u bil-proceduri soliti tieghu huwa sarraf lis-socjeta` attrici din is-somma f’valuta ta’ liri Maltin u rappresentanti tas-socjeta` attrici hadu l-ekwivalenti fi flus kontanti f’liri Maltin.

“U premess illi sussegwentement il-Bank konvenut informa lis-socjeta` attrici illi l-biljetti ta’ Dollari Amerikani li skond l-istess Bank, is-socjeta` attrici kienet sarrfet kienu foloz, l-istess Bank konvenut iddebita l-kont ossia Overdraft tas-socjeta` attrici bin-numru 115-0261502-1 bis-somma ta’ hmistax–il elf mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm15264.52).

“U premess illi s-socjeta` attrici minhabba f’dan l-agir da parti tal-Bank konvenut konsistenti filli l-ewwel accerta lis-socjeta` attrici illi l-biljetti tad-Dollari Amerikani hawn fuq indikati kienu awtentici u mbaghad wara certa zmien informaha illi dawn kienu foloz, l-istess socjeta` attrici giet f’pozizzjoni illi ma tistax tirkupra illi hija kienet harget a favur terzi meta hija accettat dawn il-biljetti ta’ Dollari Amerikani minghand l-istess terzi u dana hekk kif se jkollha l-opportunita illi tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

“U premess illi dan kollu sehh unikament mihabba negligenza u/jew imperizja u/jew l-agir da parti tal-Bank konvenut.

“U premess illi ghallkemm il-Bank konvenut gie nterpellat mis-socjeta` attrici halli jirrifondi l-ammont hawn fuq indikat u iddebitat mill-kont tas-socjeta` attrici dan baqa’ inadempjenti.

“Jghid il-Bank konvenut ghaliex m’ghandhix din l-Onorabbli Qorti:

“1. Prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss illi hija neccessarja u opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-Bank kien unikament responsabbli ghat-transazzjonijiet bankarji li sehhew mis-socjeta` attrici f’Ottubru, 1997 meta gew awtenikati u msarrfa is-somma ta’ erbghin elf u mitejn Dollaru Amerikan ($40,200) u cioe erba’ mija u tnejn (402) biljett tal-mitt Dollaru Amerikan ($100).

“2. Tiddikjara illi minhabba l-agir tal-Bank konvenut is-socjeta` attrici giet f’pozizzjoni illi ma tistax tirkupra l-flus li hija kienet harget a favur terzi meta hija accettat dawn il-biljetti ta’ Dollari Amerikani minghand l-istess terzi liema somma f’liri Maltin hija akkwivalenti ghal erbghin elf u mitejn Dollaru Amerikan ($40,200).

“3. Tiddikjara illi l-Bank konvenut ma kellu l-ebda jedd illi jiddebita l-kont ossia Overdraft tas-socjeta` attrici bin-numru 115-0261502-1 bis-somma ta' hmistax-il elf mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm15,264,52).

“4. Tordna lill-Bank konvenut illi jirrifondi lis-socjeta` attrici is-somma ta’ hmistax-il elf mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm15,264,52).

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Ottubru 2001 u bl-imghaxx minn Ottubru 1997 u rappresentati, diretturi u impjegati tal-Bank konvenut huma minn issa ingunti in subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut (fol. 11) li in forza taghha l-istess konvenut eccepixxa:
“1. Illi ir-raba’ talba attrici hija irrita u inammissibbli, stante illi premessi tac-cittazzjoni u t-tlett talbiet ghar-responsabilita’ jistghu jwasslu biss ghall-kundanna ghall-hlas tad-danni, kieku dawn kienu legalment fondanti u mhux ghal ordni lil Bank li jirrifondi.

“2. illi, subordinament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet huma preskritti. L-ewwel tlett talbiet huma kjarament dikjarazzjonijiet ta’ responsabilita’ minhabba agir negligenti allegat mill-attrici u ghalhekk hija applikabbli f’dan il-kaz il-preskrizzjoni ta’ sentejn ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili – Kap.16 tal-ligijiet.

“3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-Bank ma kien bl-ebda mod negligenti fl-operat tieghu u ma ghandu l-ebda rensponsabbilta’ ghall-akkadut u jekk l-attrici soffriet danni, dawn gew kawzati minn agir negligenti – ossia doluz –ta’ terzi u mhux mis-socjeta` u mhux mis-socjeta` konvenuta li aggixxiet fit-termini legali. Ghalhekk it*talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Ottubru, 2005, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta;

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi kienu rcevew valuta estera (402 bills tal $100) minghand persuna barranija li ma kienux jafu, li ndahlu biex isarfulu. Marru l-bank b’99 ($100 bills) u, skond l-atturi, talbu lill-bank biex jiccekkjawhom, u meta l-bank qallhom li l-flus kienu jidhru tajbin, dan sarfilhom id-dollari fi flus Maltin. L-atturi dak in nhar hallsu lill dina l-persuna bi flus maltin l-ammont kollu ta’ dollari li kien tahom. L-ghada l-atturi regghu marru l-bank bil-kumplament tad-dollari u l-bank rega’ ccekkjahom kollha wahda wahda u qallhom li kienu tajbin u sarrafhomlhom. L-ghada l-atturi gew infurmati mill-bank li minn ezamijiet ulterjuri li kien ghamel fuq id-dollari instab li dawn kienu foloz. Il-Bank ghalhekk qal lill atturi biex jirritornaw il-flus lill bank u l-atturi hekk ghamlu u ddepozitawhom fil-kont taghhom. Dakinhar stess il-Bank iddebita l-kont ta’ l-atturi sabiex rega ha lura l-flus u jregga lura u jikkancella t-transazzjonijiet illi kienu saru. L-atturi jsostnu li huma ma kienux taw permess lill bank biex jaghmel hekk.

“**Kontestazzjoni u konsiderazzjonijiet**

“**Illecita` tal-kawza**

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti jqamu l-punt dwar l-illecita’ tal-kawza u ssottomettew li jekk il-Qorti taccetta l-versjoni ta’ l-atturi li huma ndahlu biex isarrfu l-flus lill terzi persuna meta huma m’humiex negozjanti awtorizzati, allura huma jigu li kienu qed jivjolaw il-ligijiet fiskali u dina l-Qorti ghandha tissoleva tali illeiceita **ex ufficio** billi hija kontra l-ordni pubbliku.

“Dina s-sottomissjoni giet imqajma biss fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti u fl-ebda waqt tal kawza, tant li l-atturi ma kellhom ebda hjiel taghha u fil-fatt ma tissemmiex fin-nota taghhom. Il-Qorti pero` tirrileva li dana l-punt diga gie deciza fil-kawza kriminali li kienet giet istitwita kontra l-atturi u li minn tali akkuzi huma kienu gew liberati.

“**Raba’ talba**

“**Dwar l-ewwel eccezzjoni** tal-konvenuti li r-raba’ talba attrici hija irrita u nulla billi l-azzjoni hija wahda ghall-kundanna ghal hlas ta’ danni u mhux wahda ta’ rifuzjoni, l-atturi jissottomettu illi d-dannu soffert minnhom huwa dik is-somma li l-bank gibed mill-kont taghhom minghajr awtorizzazzjoni ekwivalenti ghas-somma fi flus kontanti f’Dollari Amerikani u l-imghax fuq tali somma mid-data li din is-somma ingibdet sad-data tas-sentenza.

“Is-sottomissjonijiet tal-konvenuti rigward dina l-eccezzjoni huma marbuta mat-tieni eccezzjoni li huma taw dwar il-preskrizzjoni. Huma qed jissottomettu li fl-ittra ufficjali ta’ l-atturi tas-27 ta’ Ottubru 2000 (ara fol 30) huma rreklamaw danni, pero` wara billi tali talba setghet tkun preskritta l-atturi ghamlu talbiet *sui generic* bazati fuq allegati nuqqasijiet tal-bank, nuqqasijiet li pero` l-konvenuti jsostnu li jekwivalu ghal responsabilita’ ghal danni u mhux ghat-talbiet kif formulati u ghalhekk inghatat l-ewwel eccezzjoni taghhom.

“Minn naha l-ohra l-atturi jirritjenu li dwar il-preskrizzjoni biennali a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 l-azzjoni hija msejsa fuq zewg transazzjonijiet li saru mal-bank li sarfet il-valuta f’dollari Amerikani u ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbili hija dika ta’ hames snin.

“**Tikkunsidra**

“Illi fl-ittra ufficjali surreferita l-atturi irreferew ghat-transazzjonjiet li kienu saru gewwa l-fergha tal-bank ta’ Hal Qormi u interpellawhom sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kagunati in konsegwenza ta’ dawn it-transazzjonijiet. Fic-citazzjoni imbaghad apparti t-talba ghal danni, talba simili ghal dika li hemm fl-ittra ufficjali, hemm ukoll talba ghal dikjarazzjoni ghar-responsabbilita` tal bank ghat-transazzjonijiet li saru kif ukoll talba ghal rifuzjoni ta’ flus konsistenti fl-ammont ta’ flus li l-atturi jallegaw li gie indebitament mehud mill-bank mill-kont taghhom ekwivalenti ghad dollari li sarrfu.

“Il-Qorti f’dan ic-cirkostanzi tikkonkludi li l-azzjoni tas-socjeta` attrici mhiex wahda purament ghal hlas ta’ danni imma anke ghar-rifuzzjoni ta’ dak li gie addebitat mill-bank u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li gie sollevata ma hiex applikabbili u li ma hemm xejn irritu u null fir-raba’ talba.

“**Fil-mertu** l-konvenuti qed jeccepixxu li huma ma kienu bl-ebda mod negligenti fl-operat taghhom u m’ghandhom ebda responsabilita ghall akkadut.

“L-atturi qed jissottomettu li dak li gara kien tort tal-bank konvenut billi kieku l-bank ma assikurahomx li l-dollari kienu awtentici huma ma kienux isarfu dik is-somma flus u jaghtuha lit-terza persuna.

“Il-konvenuti jirritjenu li huma ma kienux negligenti fl-operat taghhom u ma kellhom ebda responsabbilita` billi kienet is-socjeta attrici bin-nuqqas ta’ informazzjoni korretta u shiha li tat lill bank li induciet lil bank li jiehu l-inkarigu li jsarraf l-flus fil kors normali ta’ operazzjonijiet

bankarji bejn bank u kljent. Il-konvenuti qed jallegaw nuqqas ta’ bona fede da parti ta’ l-atturi meta huma inkarigaw lill bank biex isarraf id-dollari. L-atturi inducew lill bank li jemmen li dina kienet transazzjoni fil-kors normali tan-negozju taghhom fejn flus esteri kienu gew minn tour operator li lilu huma rrendew servizz permezz tar-restaurant taghhom. Il-konvenuti jsostnu li kieku kienu jafu l-vera provvenjenza tad-dollari, kienu jaghmlu izzommu l-flus il-bank sakemm jaghmlu il-verifiki ulterjuri.

“**Tikkunsidra**

“Jirrizulta mill-provi li l-prassi normali fil-bank, jitlobha jew le l-klijent, hija li flus barranin jigu verifikati ghal awtenticita` taghhom taht makna.  Fil-kaz in ezami l-atturi jinsistu li huma kienu marru l-bank appuntu biex jivverifikaw mal-bank jekk dawn id-dollari kienux genwini jew le biex ikunu jistghu jsarrfu dawn il-flus lill terza persuna fuq liema bicca xoghol kienu ser jaqilu commission.  Iz-zewg kaxxiera tal-bank li kienu involuti f’dawn iz-zewg transazzjonijiet ma setghux jikkonfermaw ezattament x’kienu talbu l-atturi mill-bank, ghalhekk dak li xehdu l-atturi li talbu lill bank ma jistax jigi eskluz anzi jidher li hekk gara kif qalu l-atturi.

“Il-Bank ghal darba darbtejn  ikkonferma ma’ l-atturi, wara li ttestja d-dollari wahda wahda taht l-ultra violet lamp, li d-dollari kienu genwini, u accettaw li jsarrfuhom dak il-hin stess u tawhom l-ekwivalenti fi flus Maltin. F’ebda stadju ma jirrizulta li l-atturi gew infurmati li dawk it-testijiet kienu biss prima facie  u  qed isiru at branch level biss, u li kellhom isiru verifiki ulterjuri. Almenu mill-provi prodotti dana ma jirrizultax. Hi prassi konoxxjuta tal-bank, li anke fil-kaz ta’ cheque li jigi depozita fil-bank li jkun hareg minn bank iehor irid jkun hemm clearance ta’ erbat ijiem. F’dan il-kaz il-bank ma segwiex dina l-procedura u qabad u sarraf il-flus dak il-hin u b’hekk l-atturi serrhu rashom li setghu jkomplu bit-transazzjoni minn naha taghhom mat-terza persuna.  Ir-raguni li gab il-bank li l-atturi kienu kljenti tajba taghhom, mhiex raguni valida ghaliex huma kellhom isegwi l-proceduri soliti taghhom li generalment

jigu segwiti ma’ kull klijent anke fuq ammonti izghar minn dawn.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li minhabba l-agir tal-Bank l-atturi gew f’posizzjoni li huma ma setghux jirkupraw il-flus li huma kienu hargu favur terza persuna u ghalhekk sofrew danni kif premessi fic-citazzjoni taghhom.

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-bank konvenut li, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab ir-revoka tas-sentenza appellata biex minflok din il-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talbiet attrici;

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici fejn talbet il-konferma tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta’ Mejju 2007;

Ikkunsidrat:

Il-fatti bazici ta’ din il-kawza ma humiex in kontestazzjoni. Jirrizulta li rapprezentanti tas-socjeta` attrici marru fil-branch tal-Bank of Valletta ta’ Hal-Qormi b’mazz dollari Amerikani;  il-karti kienu ta’ $100-il wahda.  Dawn talbu li l-flus jigu konvertiti fi flus Maltin.  Ufficcjali tal-bank qieghdu l-flus Amerikani taht *ultra violet lamp* u wara li kkonstataw li dawn deheru genwini, sarfuhom u taw lir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici l-ekwivalenti fi flus Maltin.  Wara xi jumejn, il-bank induna li d-dollari Amerikani kienu, fil-fatt, foloz, u talbu u hadu lura l-flus Maltin li kienu ghaddew lis-socjeta` attrici.  Din is-socjeta attrici fethet dawn il-proceduri fejn qed titlob kumpens ghad-danni rizultat ta’ dan l-agir tal-bank konvenut.

L-ewwel Qorti accettat l-argumenti tas-socjeta` attrici, u kkundannat lill-bank konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm15,264.52.  Il-bank konvenut ressaq appell quddiem din il-Qorti, bl-aggravji principali jkunu indirizzati

lejn il-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tindirizza kif imiss ic-cirkustanzi partikolari tal-kaz.

Din il-Qorti, wara konsiderazzjoni fit-tul tal-kaz u dwar kif zvolgew l-affarijiet, hi tal-fehma li ghandha tilqa' dan l-appell u tillibera lill-bank konvenut minn kull responsabbilita`. Hemm diversi ragunijiet li wasslu lil din il-Qorti ghal din il-konkluzjoni.

1. Il-Qorti tara li r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici ma agixxewx *in buona fede* mal-bank meta talbuhom isarfulhom il-flus. Jirrizulta li l-flus gew f'idejn l-ufficjali tas-socjeta` attrici meta dahal ragel fl-ufficcju u qal lil Jesmond Mangion, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici, li ried jaghmel bicca negozju. Dan ir-ragel hareg mazz dollari Amerikani u talab l-ghajnuna biex isarrafhom fi flus Maltin; hu qal lis-Sur Mangion li ma xtaqx li jmur hu l-bank peress li kellu problemi familjari ma' martu u ma riedx li jkun hemm *record* li hu kellu f'idejh hafna flus *cash*. Wara li s-Sur Mangion u dan ir-ragel – li sal-lum baqa' ma jafx min hu jew x'jismu – ftehmu fuq kummissjoni ghad-ditta, s-Sur Mangion mar fil-*branch* tal-bank li mieghu s-socjeta` attrici kellha relazzjonijiet tajba, u talab li jsarraflu l-flus. Lill-ufficjali tal-bank ma qalilhomx li l-flus gabhom minghand ragel li dahal fl-ufficcju mit-triq; anzi, skond l-ufficjali tal-bank, qalilhom li l-flus kienu pagamenti minn *tour operator* ghas-servizzi ta' l-ikel li huma offrew. B'dan il-mod, l-ufficjali tal-bank "*where put off their guard*", ghax gew indotti jahsbu li l-flus kienu parti minn negozju kummercjali regolari. Zgur illi l-bank kien jimxi b'mod iehor kieku gie infurmat li l-flus gew minn persuna li d-ditta qatt ma rat qabel u ma kellha ebda relazzjoni maghha.

Din il-Qorti tifhem li meta r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici tat lill-bank x'jifhem li l-flus gew minn negozju, il-bank hass ruhu kopert peress li s-sors ta' l-istess flus kien identifikabbli. Il-bank ma giex muri li l-flus gew minn ragel, probabbilment barrani, li d-ditta attrici ma kienetx taf min kien jew fejn joqghod, u kien abbuz da parti tas-socjeta` attrici li ma tatx lill-bank l-informazzjoni kollha li kellha f'idejha.

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Baldacchino v. Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta et** deciza fil-11 ta' Ottubru, 2006.

"Innegabilment, il-metru ta' dik il-bona fide li jippreciza l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, u li bih jitkejjel l-ezekuzzjoni tal-kuntratti in generali, ghandu jkollu, b'adozzjoni, post xieraq anke fl-istadji anterjuri ghall-konkluzjoni tal-kuntratt. Hekk bil-mertu ta' dan l-istess principju l-parti li tghid li ssubiet dannu tista' ggib 'il-quddiem prova ta' mgieba soggettiva ta' malafede fil-kontroparti jew anke prova ta' kondotta merament kolpuza fejn dik il-kontroparti tkun, bla motiv gust, naqset b'tali mod li twassal biex teludi l-aspettattivi ta' l-offerent fejn dan ikun ippresta fidi, bl-offerta tieghu, fuq il-konkluzjoni tal-kuntratt."

Il-bank konvenut ippresta fidi lir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, peress li kienu klijenti regolari u tajba, izda dawn ta' l-ahhar abbuzaw minn din il-fiducja meta ma stqarrewx il-fatti kollha. Din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Debattista noe v. JK Properties Ltd** deciza fis-7 ta' Dicembru, 2005, kienet ukoll irrimarkat fuq il-htiega illi fl-izvolgiment tat-trattattivi, l-partijiet igibu ruhhom bil-buona fede, u li hu "doveruz" ghal min ikun se jidhol jinnegozja li jgib ghall-attenzjoni tal-parti l-ohra l-informazzjoni shiha dwar in-negozju. Il-*buona fede* mhux xi valur merament teoriku imma ghandha tigi intiza f'sens oggettiv bhala regola ta' mgieba ta' lealta` u korrettezza. Il-*buona fede* ghandha spazju aktar ampju minn dak riservat lilha ghall-kuntratti in generali bl-Artikoli 993 tal-Kodici Civili, in kwantu, bhala regola ta' mgieba hu mistenni li din tigi osservata mill-partijiet kemm fil-fazi *in contrahendo*, kif ukoll fil-konkluzjoni tal-ftehim.

2. Din il-Qorti tirravisa kondotta illegali fl-agir tas-socjeta` attrici. Din is-socjeta` topera *restaurant* fin-naha t'isfel ta' Malta u m'ghandha ebda licenzja jew permess tispekula fuq il-kambju ta' flus barranin. L-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju (Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta)[1], kien jipprojbixxi kwalunkwe persuna li tixtri jew tissellef flus barranin hlief

[1] Qabel ma dan gie sostitwit bl-Att IX tal-2003 u sar l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni.

minghand negozjant awtorizzat. F'dan il-kaz, ex admissis, il-flus gew "mixtrija" mis-socjeta` attrici minghand persuna li dahlet fl-ufficcju mit-triq u li zgur mhix "negozzjant awtorizzat". Hu car li s-socjeta` attrici ipprovat taghmel gwadan minn attivita` illecita u allura japplika l-principju *ex turpi causa non oritur actio*.

Is-socjeta` attrici gabet il-flus minn persuna illi d-dirigenti taghha rawha biss l-ewwel darba meta ghamlitilhom l-offerta tat-tisrif u dawn mill-ewwel accettaw li jidhlu ghal dan l-inkarigu ta' tisrif ovvjament wara li sar ftehim ta' hlas ta' kummissjoni. Fid-dawl ta' din ir-retroxena, il-Qorti ma tistax tapprova tali vjolazzjoni tal-ligijiet fiskali, u kwalsiasi talba ghall-ghajnuna ta' dawn il-Qrati ma tistax tigi akkolta.

3. Il-Qorti tirravviza xebh fin-negozju ma' kuntratt ta' bejgh ta' flus barranin lill-bank konvenut. Skond il-ligi, jekk wara li jsir bejgh, ix-xerrej jiskopri difett li kien mohbi fil-waqt tal-kontrattazzjoni, ix-xerrej ghandu dritt iholl u jhassar l-istess negozju. F'dan il-kaz hu car li d-difett fil-flus in kwistjoni kien mohbi tant li mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali tas-6 ta' Dicembru 2002 (fol. 24), fil-kuntest tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-ufficjali tas-socjeta` attrici, jirrizulta li, skond l-espert mahtur mill-Qorti, il-kontraffazzjoni kienet ta' kwalita` tajba, fis-sens li "*It is very easy* nahseb jien li l-pubbliku jigi mqarraq bihom. Ipprintjati tajbin" (fol. 27).

Issa skond ma gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza **Florian v. Desira**, deciza fid-9 ta' Gunju, 1969, li ghamlet studju *funditus* ta' l-attenzjoni li xerrej irid jadopera qabel ma jixtri oggett, "*il-vizzju hu okkult jekk ma setax ikun jaf bihom <u>wahdu</u>; in-natura apparenti jew okkulta ta' difett ghandha tigi konsidrata in rapport tal-kapacita` u konjizzjoni komuni tal-bniedem u mhux bizzejjed, biex id-difett jigi ritenut apparenti, ic-cirkostanza li s-sussistanza tieghu tista' tigi rilevata minn bniedem ta' l-arti jew perit*". F'din il-kawza intqal ukoll li "*assistenza teknika fil-waqt tax-xiri mhux mehtieg*" u persuna li qed tbiegh oggetti, allura anke flus, lill-haddiehor ghandha hi tiehu r-riskju tar-regolarita` ta' l-

oggetti, u mhux titfghu fuq ix-xerrej li ghandu dritt jafda fuq il-vijabilita` ta' l-oggett lilu mibjugh.

F'dan il-kaz, meta l-bank gie offrut il-flus barranin, hu agixxa b'mod normali billi ccekkja l-istess taht dawl *ultra violet* u d-difett ma giex riskontrat. Id-difett, fil-fatt, gie riskontrat xi jumejn wara, u l-bank mill-ewwel agixxa biex ihassar in-negozju. Il-bank kellu terminu li fih kellu jagixxi biex ihassar in-negozju, pero`, ma kellux ghalfejn jadixxi dawn il-Qrati biex gudizzjarjament jitlob it-thassir tan-negozju, peress li, kif se jigi muri aktar 'l quddiem, meta s-socjeta` attrici giet infurmata li l-oggett in vendita kien difettuz (u cioe`, li l-flus kienu foloz) accettat li thassar in-negozju u irritornat lura l-flus Maltin lill-bank. L-istess konkluzjoni tirrizulta jekk wiehed iqis li l-flus ma kienux difettuzi fis-sens tal-ligi, izda mhux tal-kwalita` mistenni taht l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Il-bank konvenut, hekk kif induna li l-oggett ma kienx tal-kwalita` idonea, ma baqax izomm il-pussess taghhom, izda mill-ewwel rreklama in-nuqqas mas-socjeta` attrici li da parti taghha accettat li thassar in-negozju u tirritorna l-prezz tat-trasferiment.

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Galea pro. Et noe v. Galea** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, a bazi tal-gurisprudenza lokali,
"Riferibilment ghat-trasferiment ta' proprjeta` u r-riskju ta' l-oggetti mixtri, jinsab enuncjat illi "meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh, u javza lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett ta' bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjeta` jew tal-*periculum rei perditae*" (Francesco Zammit vs Celeste Spiteri, Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953)."

Anke f'dan il-kaz ma jistax jinghad li sar trapass tal-proprjeta` fil-flus u kwindi r-riskju tad-difett baqa' f'idejn is-socjeta` attrici.

4. Ma jirrizultax lanqas li l-bank konvenut agixxa b'nuqqas ta' attenzjoni. Jidher fl-ewwel lok li fid-duttrina hemm dubju dwar il-grad ta' diligenza li l-bank irid juri f'attivitajiet bhal dawn li mhumiex relatati direttament max-xoghol ta' bank. Fil-ktieb "Law of Banking" ta' Lord Chorley (6th Edit., pagna 241) jinghad hekk dwar is-servizzi l-ohra li joffri bank kummercjali:
"The main legal problem which has arisen in relation to these services has been as to the measure of skill and care which can be expected of bankers in carrying them out. On the one side it has been contended that they are not really part of the business of banking at all, in that a person who sets up as a banker is under no obligation to provide them, and if he does so acts in a purely voluntary capacity, accepting no obligation as to the care and efficiency which he displays in this work; so that apart from cases where he has acted fraudulently, or possibly with gross negligence, he cannot be held liable for any loss his customer may suffer as a consequence of his activity or lack of activity. On the other hand it has been argued that over the years the business of banking has been developed and extended until all these services are now regarded as part of the regular business of banking, so that the same competence can be expected by the customer and relied upon, as he is entitled to in connection with the handling of his cheques, and the running of his account. In the result, it is said, if the customer suffers loss as a result of the banker's failure in competence or attention, he is entitled to have it made good.

.....

"It may be said that historically the courts have moved from the position first described to the second one, though the case authority for this is certainly sparse. At the time of *Foley* v. *Hill* (1848) the legal conception of the relationship between banker and customer, that of debtor and creditor, was a narrow one so that in so far as these other services came before the courts at all the tendency was to hold that they were not part of banking business. Thus in 1868 it was the view of the Privy Coundil that the

safe custody of valuables was undertaken gratuitously by bankers. And in 1918 a learned law lord expressed the view that "it would be difficult to establish that advising on investments was part of the business of banking".

"The more dynamic approach of the Court of Appeal in the *Joachimson* case (1921), with its conception of a wide contract with a number of facets, provided a framework into which later judges have been able to fit such activities as advising on investments, and the giving of status opinions.

"It would be true to say that during the present century bankers have themselves generally accepted the second position, perhaps more readily than the judges, and have only contested liability in cases which they considered exceptional. They could hardly contest that these ancillary services are part and parcel of the business of banking and that generally speaking they must conduct these operations with reasonable skill and care, though in certain types of case they would no doubt consider it wise to protect themselves by the terms of a well drawn contract.

F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-bank ma agixxiex "*with reasonable skill and care*". Huwa agixxa skond il-prassi normali meta ivverifika l-flus esteri pprezentati lilu taht *ultra violet lamp*, u la l-flus – li gew iccekkjati wahda wahda – ma xeghlux, ma kellu ebda indikazzjoni ta' falsita`. Hu agixxa kif hu mistenni li bank jagixxi f'sitwazzjonijiet simili u ebda tort ma jista' jigi adebitat lilu.

Il-paragun li ghamlet l-ewwel Qorti mal-procedura li banek juzaw f'kaz ta' prezentazzjoni ta' cheques mahruga fuq bank iehor, bir-rispett kollu dovut, ma jregix, ghax bank ipprezentat b'cheque mahrug fuq bank iehor ma ghandu ebda mezz biex jivverifika l-awtenticita` tal-firma jew jekk fil-kont hemmx flus disponibbli jekk mhux billi jirreferi c-cheque ghall-verifika tal-bank l-iehor. F'kaz ta' flus, hija impossibbli ghal bank li, kull darba li, nghidu ahna, jigi turist bi flus barranin, joqghod jirreferi l-flus lill-esperti in materja biex dawn jivverifikaw il-genwinita` ta' l-istess. Fl-

interess tal-konsumatur, il-bank jezamina l-flus barranin b'mezzi facili u spedjenti, izda li m'humiex *fool proof*, izda ma jifssirx li b'daqshekk ikun qed jassumi fuqu r-riskju tal-falsita`.

Hu veru li f'dan il-kaz, is-somma kienet konsiderevoli, pero`, il-bank gie indott ma jiehux prekawzjonijiet akbar bic-cirkustanza li, skond ma qalulu, is-sors ta' dawk il-flus kien individwabbli. Il-bank ma accettax li jsarraf il-fuq minn $40,000 minn ragel li qabad u dahal mit-triq, izda minn kumpanija klienta regolari taghha u wara li din accertatha li s-sors kien maghruf. Il-bank ma kienx konxju tas-sors veru tal-flus, u ma kellux ghalfejn jiddubita mill-onesta` tal-klient tieghu. F'dawk ic-cirkustanzi, hu agixxa bil-kawtela li kien mistenni minnu, u ma jistax kwindi, jinstab responsabbli ta' xi agir negligenti.

5. Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti tara li, f'dan il-kaz, kienet is-socjeta` attrici li hassret in-negozju li kien sar, u la darba negozju jithassar bi qbil bejn iz-zewg partijiet, parti ma tistax titlob id-danni a bazi ta' l-istess negozju li, skond hi, mar hazin. Fil-fatt, jirrizulta f'dan il-kaz li meta l-bank konvenut induna bil-falsita` tal-flus, ikkomunika mad-dirigenti tas-socjeta` attrici, u talab il-flus lura. Dawn, fil-fatt, iddepozitaw lura l-flus li gew zbankati mill-bank. Ghalkemm l-Avukat tas-socjeta` attrici ipprova juri li l-klienta tieghu ma ddepozitatx lura l-flus, izda, minflok il-bank qabad u iddebita l-*overdraft account* li s-socjeta` kellha ma' l-istess bank, il-provi juru li, fil-fatt, sar hlas lura mid-dirigenti tas-socjeta` attrici. Il-manager tal-branch tal-bank xehed li meta l-bank sar jaf bil-falsita`, hu cempel lil Jesmond Mangion u regghu iddepozitaw fil-kont taghhom il-flus kollha li huma kienu inghataw mill-bank kontra d-dollari amerikani. Fl-istatement li Jesmond Mangion kien irilaxxja lill-Pulizija, hu qal li, wara li gie informat li l-flus kienu foloz u gie mitlub jiddepozita l-flus kollha li kien inghata, "l-ghada filghodu, jigifieri s-Sibt, morna jiena u Charles niddepozitaw il-flus li gbarna". L-imsemmi Charles huwa Charles Cassar, dirigent iehor tas-socjeta` attrici. Anke fl-affidavits li Jesmond Mangion u Charles Cassar ressqu f'dawn l-atti, huma jammettu li kienu hadu decizjoni li jiddepozitaw lura l-flus. Quddiem

din il-Qorti qalu li ghamlu dan ghax bezghu illi jekk ma jaghmlux hekk, il-facilita` ta' overdraft li kellhom ma' l-istess bank setghet titwaqqaf mill-istess bank. Apparti l-fatt li huma stess ghazlu li jippruvaw isarrfu l-flus f'bank li mieghu kellhom facilita` ta' overdraft, din is-suppost biza' (li ma gietx indikata mal-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni taghhom fuq dan il-kaz), ma twassalx biex tinnewtralizza l-effett ta' l-agir hawn diskuss.

Ghalhekk, jirrizulta bhala fatt, li s-socjeta` attrici, rinfaccjata bi pretensjoni biex dak li sar jigi rexiss, accettat ghal raguni jew ohra, li tirritorna l-flus li hadet b'mod li kollox gie ritornat ghal i*status quo ante*. Darba hu hekk, l-effetti ta' dak in-negozju spicca bil-partijiet jirritornaw ghal pozizzjoni li kienu qabel ma sehh dan l-incident.

Il-Qorti, ghalhekk, issib li l-appell tal-bank konvenut hu misthoqq u sejjer jigi milqugh, minghajr htiega li din il-Qorti tezamina l-aggravji l-ohra, inkluz dak ta' preskrizzjoni, mressqa mill-bank appellant.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-bank konvenut billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluz dawk ta' prim istanza, ghandhom jithallsu mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------